Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL

L-GHAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 27 – It-Tnejn 24 ta' Awwissu 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.
Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar

Preżenti :

Kevin Cauchi	Sindku
Joseph Debono	Viċi Sindku
Larry Buttiġieġ	Kunsillier
Stephen Mercieca	Kunsillier
Teddy Saliba	Kunsillier
Lucienne Haber	Segretarju Eżekuttiv

27.1 Talba

27.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

27.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

27.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

27.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

27.4 Komunikazzjoni tas-Sindku

27.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għas-serata sportiva b'logħob tradizzjonali li ser tinżamm nhar l-4 ta' Settembru. Huwa spjega kif magħna dakinhar ser ikollna group ta' tfal mill-Ukraina u wara ntuhom xi ħaġa tal-ikel. SportsMalta ser ituna tifkira għal kull parteċipant u sar qbil li tingħata wkoll medalja lir-rebbieħa.

27.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivita' l-oħra li ser tinżamm nhar il-5 ta' Settembru - Fid-dell tal-Kunvent attivita' fl-area tal-Gudja bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda 13 ta' Gunju u tal-Patrijiet. Din hija l-attivita' li ser issir fl-okkazzjoni tas-sena tal-Gastronomija mir-Regjun Għawdex. Sar qbil li bħala parti mit-tradizzjonijiet narawli ngibu lil tal-boċċi jgħallmu din il-logħba tradizzjonali lit-tfal. L-attivita' ser tinżamm mill-4pm 'l quddiem.

27.4.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-Cleanup the World li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru fil-5pm. Bħala parti mill-Cleanup ser nagħtu wkoll pakkett boroż tar-riċiklaġġ u dak organiku lir-resident bħala għarfien għall-importanza tas-separazzjoni tal-iskart u l-impatt ambjentali. Is-Sindku nforma li l-Parroċċa wkoll ser tingħaqad magħna għal din l-inizjattiva.

27.4.4 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bl-International Crib Convention imtella' mill-Għaqda Emanuel li ser tinżamm f'Ghajnsielem bejn is-17-20 ta' Settembru. Il-kunsilliera huma lkoll mistiedna għall-ikla tradizzjonali li ser tinżamm is-Sibt 19 ta' Settembru f'nofsinhar fil-Kazin tal-Banda.

27.4.5 Is-Sindku rrefera għal bozza fi Triq Wied San Martin li jinħtieġ li tiċċaqlaq minn postha. Mill-banda l-oħra huwa rrefera għat-talba ta' bozza fl-area taċ-Ċentru tal-Armar iżda ħadd mhu jaċċetta li teħel mal-proprjeta tiegħu minkejja li s-sit huwa mudlam.

27.4.6 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħol ta' tindif fil-Wied il-Kbir. Huwa spjega kif minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex għamlu biċċa xogħol eċċellenti minkejja li l-qasab jerġa jikber mal-ewwel. Fil-fatt ma setgħux ikomplu x-xogħol mill-arkata għal Għajn il-Libru u komplew lejn iż-Żewwieqa Waterfront. Id-Direttur tal-Ecogozo kkonfermalna li fix xitwa ser titkompla fażi oħra biex nkomplu mill arkata għal Għajn Libru u jinbnew ukoll ħitan tas-sejjieħ ġodda. Il-wied issa jinsab mnaddaf kollu.

27.4.7 Għal-proġett tal-Pjazza tad-Dehra, il-ġiebja issa tinsab imsaqqfa. Fadal biss ix-xogħol tal-landscaping tal-wiċċ. Kif sar dan ix-xogħol, l-istess kuntrattur għamel il-major patching works ta' quddiem ta' Rapa Stores li kien ilha ordnata snin. Il-kuntrattur beda x-xogħol ukoll fuq il-ħofra li nfetħet meta waqa t-trakk. S'issa ġiet imnaddfa mit-terrapien u ser naraw kif l-aħjar li naraw li tissaqqaf.

27.4.8 Saret referenza wkoll għall-istess problema fi Triq Simirat fejn hemm parti li niżlet u l-ħin kollu nieżel l-ilma. Sar qbil li għandna ninfurmaw lil WSC b'din il-problema.

27.5 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

27.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera għat-tiġrija taż-żwiemel bħala attivita' oħra li kienet ta' suċċess u ħloqna attvita' oħra bħala fund raising għall-għaqdiet u rriżulta li l-bars marru tajjeb ħafna. Huwa rrimarka li huwa mportanti ħafna pero li ma jkunx hawn żewg attivitajiet organizzati fil-lokal fl-istess ħin peress li l-helpers kienu mqassim bejn iż-żewġ attivitajiet. Huwa għamel referenza wkoll għal ħafna kummenti għax ma għamilnihiex fi Triq l-Imġarr għax kienet tkun isbaħ speċjalment bit-triq mixgħulha bl-armar tal-festa.

27.5.2 Is-Sindku Kevin Cauchi faħħar l-inizjattiva tat-tiġrija u l-organizzaturi li kienu organizzati ħafna u fejn tawna kelma onorowha. L-unika problema li ltqajna magħha kienet li s-sidien taż-żwiemel bdew jistazzjonawhom f'kemm il-triq u mhux kif indikat mill-organizaturi u ħallew ħafna ħmieġ warajhom b'detriment li kellna ħafna lmenti mir-residenti u kellna nordnaw bowser ilma.

27.6 Korrispondenza

27.6.1 Ġiet trattata n-notifika li l-Kunsill tagħna ser jigi awditjat fuq l-ispejjes ta' travelling u events. Ser issir laqgħa ntrodutorja dwar dan l-audit mniedi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

27.6.2 Is-Sindku spjega kif ghall-Claim tal-fondi tal-attivita' tas-St.Patricks, peress li domna niġru wara l-ġbir tal-fiscal receipts, bgħatna l-claim hames t'ijiem tard u konsegwenza t'hekk qatgħulna €2000.

27.6.3 Ġiet trattata l-problema li għandna bil-ħaddiema assenjati lilna mal-iskemi. Dawn qed jagħmlu ftit sigħat ta' xogħol u dejjem bil-problemi. Sar qbil li għandna nsejħu laqgħa għalihom u nitolbuhom jagħmlu xogħolhom u jagħtu aktar ħin.

27.7 Update dwar il-Proġetti

Ingħatat update tal-proġetti mis-Sindku Kevin Cauchi kif ġej:-

27.7.1 Triq Hamri

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.

27.7.2 Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda fix-Xitwa.

27.7.4 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra
Ix-xoghol tkompla u l-giebja ssaqfet. Issa jinhtieg li jitkompla l-pavimentar u l-embellishment.
Ix-xogħol fuq it-taraġ ta Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u planters lesti u corten steel se jitwaħħal fil-ġranet li jmiss.

27.7.5 Proġett Playingfield Amabile Cauchi

- Il-varjazzjoni giet approvata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u Project Green ser jiffinanzjawha kollha kemm hi.

27.7.6 Bini Arkata

- Tnaddaf il-wied u fil-ġranet li jmiss se tinbena l-istruttura sabiex jkun jista jitkejjel u jitfassal ix-xogħol tal-ġebel.

27.7.7 Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-lppjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'

27.7.8 Ġnien quddiem il-Kunsill

- Xogħol ta restawr tal-Monument Vittmi gwerra huwa lest. Sar qbil li peress li dan il-proġett jidher imwaħħal minn naħa tal-Perit, ikun aħjar jekk nitolbu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex il-bilanċ jiġi trasferit għall-proġetti oħra ta' wirt patrimonjali; it-taraġ ta' Fuq il-Għajn, ir-restawr tal-Arkata u Pavimentar ta' quddiem il-knisja ta' Lourdes. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu b'din it-

talba.

27.7.9 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes

- Ix-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li jmiss peress li ser ikun hemm xi tigijiet pjanati u biex ma jispiċċax sit ta' kostruzzjoni.

27.7.10 Pjazza Madonna ta' Loretu u Kampnar

- Is-Sindku Kevin Cauchi spjega li, fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza Madonna ta' Loreto u dak tar-restawr tal-Kampnar, rċevejna ittra mill-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar għal Fond tal-Iżvilupp (DPF) fejn issuġerixxew hekk - "Since there are sufficient funds available for the upgrade of the pjazza through funding from the Ministry for Gozo but there were insufficient funds for the restoration works on the church, the Committee directed that the Development Planning Funds associated with the Ghajnsielem Local Council would be directed for the restoration works on the church." Is-Sindku qal li kellu diskussjonijiet mal-Parokċa u Ministeru għal Għawdex fejn qablu mal-prinċipju minħabba l-urġenza tax-xogħol fuq il-kampnar. Għalhekk il-Kunsill qabel li tieqaf l-applikazzjoni GS/50008/2026 u l-fondi jmorru għal GS/50007/2026 fuq ir-restawr tal-kampnar. L-amministrazzjoni tal-proġett tal-kampnar għanda tieħu ħsiebu il-parokċa filwaqt li l-Kunsill jkun partner. Minn naħa l-oħra, fir-rigward tal-proġett tal-Pjazza, il-Ministeru għal Għawdex informa lill-Kunsill li jinsab dispost li jiffinanzja l-proġett kollu. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi ma' dan il-qbil fl-aħjar interess ta' dan il-proġett ħolistiku u sabiex ix-xogħlijiet ikunu jistgħu jibdew fl-iqsar żmien possibbli. Sadanittant, id-dokumentazzjoni tat-tender tal-Pjazza tinsab fl-aħħar fażi ta' vetting u t-tender huwa mistenni li jiġi ppubblikat fil-ġimgħat li ġejjin.

27.8 Applikazzjoni Skema - SPI/SCI/07/2026- Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027

27.8.1 Il-Kunsill tratta l-applikazzjoni mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2027. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sa' massimu ta' €20,000 għall-attivitajiet ta' Iljieli Sajfin u l-ispejjes kollha relatati magħhom u mal-logistika tagħhom sabiex dawn jiġu organizzati. Il-Kalendarju tal-attivitajiet ser ikun bejn wieħed u ieħor bħal dak tas-snin preċedenti.

27.9Direct Order tal Perit u Inġinier ġew approvati u Varjazzjoni tal-Proġett Project Green

27.9.1 It-talbiet tad-direct Orders ghas-servizzi ta' Perit u Inginier ghall-Progett tal-Pjazza gew approvati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
27.9.2 Is-Sindku spjega li giet emendata t-talba tal-approvazzjoni tal-Variation li nqalghet waqt il-proġett ta' Project Green peress li l-ammont mitlub huwa dak ta' €507,064.28 li tinkludi varjazzjoni ta' 30% ripetizzjoni. Il-varjazzjoni ġiet approvata.

27.10 Approvazzoni kont tal-Perit għall-Proġett tal-Pjazza

27.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ewwel kont tal-Perit Godwin Sultana għall-proġett tal-Pjazza Madonna ta' Loretu. L-invoice numru 25-310/001 tammonta għal

€81,445.02 inkluż il-VAT tinkludi s-servizz tal-preparazzjoni ta' pjanti u dokumentazzjoni tat-Tender u BOQ. Il-Kunsill qabel mar-rati u sar qbil li għandu jintbgħat lis-sezzjoni tal-Ecogozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għal ħlas minn naħa taghhom kif provdut fil-Memorandum of Understanding rigward il-Proġett iffirmat bejn l-entitajiet.

27.11 Festa 2026

27.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għax-xogholijiet kbar konnessi mal-festa fosthom tindif, manutenzjoni, mobile toilets ecc. Huwa stqarr li japprezza li f dawn il-ġranet tal-festa kull kunsillier jgħati daqqa t'id.

27.11.2 Huwa għamel referenza għal fatt li fostna ser ikun hawn madwar 30 persuna minn Tolfa fosthom ir-rebbieħa tal-Olimpiadi li ta' kull sena nħallsulhom l-akkomodazzjoni. Sar qbil li bħal Kunsill għandna niltaqgħu magħhom is-Sibt tal-Festa fis-6:00pm fis-Sala tal-Kunsill u nagħtuhom ftit refreshments.

27.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti

27.12.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 156 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

27.13 Materji oħra

27.13.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

27.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

27.14.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Settembu 2026 fit-2:45 ta' wara nofsinhar.

Kevin Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv